



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6890/22
ADD 1
LIMITE
PV CONS 13
RELEX 295

ABBOZZ TA' MINUTI

Sessjoni straordinarja tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)

4 ta' Marzu 2022

WERREJ

Página

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3.	Aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.....	3
4.	Affarijiet oħra	3
	ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	4

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

Skambju ta' fehmiet

Il-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni attwali tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, b'enfasi partikolari fuq l-importanza tal-unità internazzjonali u fuq il-koordinazzjoni tar-rispons għall-aggressjoni.

Fil-marġi tal-laqgħha straordinarja tal-Kunsill, il-Ministri kellhom skambju informali ta' fehmiet mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna, li ngħaqad permezz ta' vidjokonferenza, u mas-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, is-Segretarju Ġenerali tan-NATO, is-Segretarju għall-Affarijiet Barranin tar-Renju Unit u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Kanada.

4. Affarijiet oħra

Ma tqajjem ebda punt taħt din l-intestatura.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi msemmija fid-dok. 6849/22

Dwar il-punt "A"
nru 1:

Deċiżjoni li timplimenta l-protezzjoni temporanja prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

"Bil-ħsieb li jappoġġaw lill-Istati Membri li huma l-punti ta' dħul ewlenin tal-influss bil-massa ta' persuni spostati li qed jaħarbu l-gwerra mill-Ukrajna koperti mid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Marzu 2022 u li jippromwovu bilanċ tal-isforzi bejn l-Istati Membri kollha, l-Istati Membri jaqblu li ma japplikawx l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/55/KE b'rabta ma' persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja fi Stat Membru partikolari f'konformità ma' dik id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill u jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni sakemm l-Istati Membri ma jaqblux mod ieħor fuq bażi bilaterali."